KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 39***ad hoc*** IS-SITT KUNSILL

Id-disa' u tlettin seduta *ad hoc* (39) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema inzammet nhar **l-Erbgħa 15 ta` Ġunju 2011** fis-6.38 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Cali, Edward Cuschieri, Sandra Camilleri, Nicolai Gauci u Patrick Pace.
ħġżċ

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Is-Sindku u l-Kunsillieri Martin Debono, Nikki Dimech u Julian Galea avżaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi.
Dott.Marion Camilleri.

Il-Viċi Sindku Cyrus Engerer ippreseda l-laqgħa.

*Il-Kunsill iltaqa' biex jiddiskuti l-abbozz* għall-*bye-laws* proposti mill-Kunsill qabel ma dawn joħorġu għall-iskrutinju tal-pubbliku.

## 39.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Bye-Laws

39.1.1 Il-Viċi Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Bye-Law* '**Prohibition of Dogs in Gardens'** (Dok 'A' mehmuż) għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

*39.1.1.1* Il-Kunsill qabel mal-kontenut tal-*Bye-Law* kif miktub.

*39.1.1.2* Il-Viċi Sindku ppropona li l-ammenda għandha tkun ta' €25.

*39.1.1.3* Il-Viċi Sindku ppropona l-abbozz tal-*Bye-Law* '**Prohibition of Dogs in Gardens'** b'din l-emenda. Il-Kunsillier P. Pace issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

39.1.2 Il-Viċi Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Bye-Law* '**Prohibition of Dogs in Natural Pools'** (Dok 'B' mehmuż) għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

*39.1.2.1* Il-Kunsill qabel mal-kontenut tal-*Bye-Law* kif miktub.

*39.1.2.2* Il-Viċi Sindku ppropona li l-ammenda għandha tkun ta' €50.

*39.1.2.3* Il-Viċi Sindku ppropona l-abbozz tal-*Bye-Law* '**Prohibition of Dogs in Natural Pools'** b'din l-emenda. Il-Kunsillier P. Pace issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

39.1.3 Il-Viċi Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Bye-Law* '**Access to Promenade and Beach'** (Dok 'C' mehmuż) għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

*39.1.3.1* Il-Kunsill ikkunsidra l-Avviż Legali 424/2007 kif ukoll l-Att Dwar il-Kontroll tal-Klieb qabel ma ippropona kontenut tal-*Bye-Law* kif miktub.

*39.1.3.2* Il-Viċi Sindku ppropona li l-ammenda għandha tkun ta' €25 biex din ma tkunx teccedi dik diġa imposta mill-Gvern Centrali.

*39.1.3.3* Saret diskussjoni dwar it-titolu ta' din il-*Bye-Law* fejn il-Viċi Sindku ppropona li t-titolu jkun jirrifletti dak tal-Avviż Legali. Kien għalhekk propost li t-titolu jinbidel għal 'Control of dogs on the Promenade and Beach'.

*39.1.3.4* Il-Viċi Sindku ppropona l-abbozz tal-*Bye-Law* b'dawn l-emendi. Il-Kunsillier P. Pace issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

39.1.4 Il-Viċi Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Bye-Law* '**Organization of Courses and Outings'** (Dok 'D' mehmuż) għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

*39.1.4.1* Il-Kunsill beda jiddiskuti ic-cedola bil-lista tal-korsijiet mehmuza mal-*Bye-Law* u wera t-tħassib tiegħu li jistgħu jitħallew barra xi korsijiet. Il-Kunsillier Y. Cali ppropona li ma jissemmewx korsijiet u qal li kull fejn hemm referenza għal-lista

tal-korsijiet it-test għandu jinbidel. Il- Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

*39.1.4.2* Għalhekk il-Viċi Sindku talab il-parir tal-Avukat biex jiġu emendati par 5.1, 5.3, u 8.1.

*39.1.4.3* Dawn ġew emendati kif ġej:

'**5.1.** Applications for courses and sale of tickets shall be accompanied by the fees established by the Council. The fees for such courses shall not exceed the amount of one hundred euro (€100.00). For outings organised in Malta the fee shall not exceed thirty euro (€30.00), whereas for outings organised in Gozo the fee shall not exceed thirty-six (€36.00).'

'**5.3.** In establishing the fees for a particular course, the Council shall take into consideration all expenses that will be incurred for, or in connection with the organization of all the courses scheduled by the Council.'

'**8.1** The Council may issue a call for tenders in order to give a contract to any agency, authority, organization or any other person to organise a course or organizing an outing on behalf of the Council as stipulated in the Schedule to these Bye-Laws.'

*39.1.4.4* Il-Viċi Sindku qal li l-klawżola **4.2.4.** għandha tinbidel minn 'In case of outings, the same conditions set out in clause 4.2 and sub clause 4.2.1 apply' għal: 'In case of outings, the same conditions set out in clause 4.2 and sub clause 4.2.1, 4.2.2 and 4.2.3 apply.'

*39.1.4.5* Saret diskussjoni dwar il-ħlas li għandhom jagħmlu r-residenti biex jabbonaw mal-Kunsill biex jirċievu informazzjoni dwar korsijiet u ħarġiet organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsillier E. Cuschieri ppropona li l-ħlas ikun ta' €2. Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li dan il-ħlas għandu jkun ta' mill-inqas €2.50 biex il-Kunsill jagħmel tajjeb għall-ispejjez. Il-Viċi Sindku ppropona li l-ħlas ikun ta' €2.50. Il-Kunsillier M. Aquilina ssekondat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

*39.1.4.6* Il-Viċi Sindku ppropona l-abbozz tal-*Bye-Law* b'dawn l-emendi. Il-Kunsillier P. Pace issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu

39.1.5 Il-Viċi Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Bye-Law* '**Beverages in Glass, Carton and Plastic Containers and Consumption of Alcohol in Public Places** (Dok 'E' mehmuż) għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

*39.1.5.1* Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Y. Cali qalu li ma jaqblux li l-alkoħol m'għandux ikun ikkunsmat f'kontenituri tal-kartun jew tal-plastik għaliex qalu li inkella dan ikun iffiser li fil-festi ma jikunx jista' jiġi kkunsmat alkoħol. Kien spjegat li klawżola 8a, 8b u 8c huma maħsuba li jippermettu li joħorġu permessi speċjali f'dawn l-attivitajiet.

39.1.5.2 Il-Kunsill iddiskuta l-permessibilta li jkun ikkunsmat alkoħol f'postijiet pubblici u fuq proposta tal-Viċi Sindku qabel b'mod unanimu li għandhom jitħassru l-klawzoli 4, 5, 8a, 8b u 8c u li l-alkoħol ma jkunx ikkunsmat f'konteniturі tal-ħġieġ biss.

39.1.5.3 Saret diskussjoni dwar l-ammenda li għandha tkun imposta. Il-Kunsillier Y. Cali staqsa x'inhi l-iktar ammenda għolja permessibbli. Kien spjegat li din m'għandix teccedi is-€70. Il-Kunsillier Cali ppropona li l-ammenda għandha tkun ta' €69. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

39.1.6 Il-Viċi Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Bye-Law* **'Barbeques in the Locality of Tas-Sliema'** (Dok 'F' mehmuż) għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

*39.1.6.1* Il-Viċi Sindku qal li fit-titolu kellu jissemma' li din il-*Bye-Law* kienet specifikament qed tirreferi għaz-zona ta' Qui-Si-Sana għalhekk kien maqbul li t-titolu ta' din il-*Bye-Law* jinbidel għal '**Barbeques in the Locality of Tas-Sliema (Qui-Si-Sana Area)**.

*39.1.6.2* Fuq proposta tal-Kunsillier Cali, peress li talab biex jigi skuzat minħabba impenji oħra, il-Kunsill qabel mal-*Bye-Law* li tispecifika li barbeques ma jsirux fi Qui-Si-Sana. Il-Kunsillier Cali qal li minn jinħariġlu permess għandu jnaddaf warajh. Il-Kunsillier S. Camilleri qalet li għandha ssir applikazzjoni formali fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill biex il-Kunsill ikun jaf min kien responsabbli biex inaddaf il-post. Issemma wkoll il-fatt li l-ammenda ma għandix tkun iktar minn €40.

***Is-seduta ntemmet ~~fis-7.~~24 ta' filgħaxija.***

**Cyrus Engerer**
**Viċi Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum .................. ta' ..........2011.
(jum) (data) (xahar)